**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 44/2015 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewwgu civilment fl-ufficju tar-Registru Pubbliku, Valletta nhar id-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija, disgha u disghin (1999) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok VAP 1;
2. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibbli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali bejniethom u minhabba illi l-intimat abbanduna lir-rikorrenti ftit wara d-data taz-zwieg surriferta. Fil-

fatt ir-rikorrenti u l-intimat ilhom separati de facto mis-sena elfejn (2000);

3. Illi r-rikorrenit ghamlet zmien twil ma tafx fejn kien jirrisjedi l-intimat u ghad-dirittura kienx ghadu jghix Malta;
4. Illi fil-25 ta' Lulju, 2014, ir-rikorrenti kellha tarbija tas-sess maskili, li hija rregistrat bl-isem ta' S u dan kif jidher mic-certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok VAP2;
5. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal iktar minn tlettax (13) il-sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett raqgonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju, la favur l-ulied u lanqas favur il-mara, stante illi r-rikorrenti ddekadiet milli titlob manteniment minghand l-intimat u ghaldaqstant ma jezistu ebda pendenzi f'dan ir-rigward;
7. Illi b'digriet datat 28 ta' Awissu 2014, Dr Barbara O'Brien giet innominata bhala Medjatur fil-kawza odjerna, kopja ta' liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala VAP 3;
8. Illi stante illi l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet numru 531/15 datat 26 ta' Frar, 2015 awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi b'kawza kontra l-intimat, kopja ta' liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. VAP 4;
9. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha tordna;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2015;

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma wegibx u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni u ilhom de facto separati mis-sena 2000;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.